MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 318/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Curmi)**
**Vs**

**Mark Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Gunju, 1998 u fix-xhur ta' qabel f'Malta,**
**1) b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti**

**immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor;**
**2) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tac-chassis tal-vettura tal-ghamla "Ford Transit" (numru ta' registrazzjoni D-7103), u minfloku wahhal numru tac-chassis ta' vettura ohra tal-ghamla "Ford Transit" (numru ta' registrazzjoni J-6914);**
**3) fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fic-chassis tal-vetturi tal-ghamla "Ford Transit", liema vetturi ghandhom in-numru ta' registrazzjoni D-7103 u J-6914;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru, 2005, fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuzi, (Sic!) hati tar-reati taht l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' malta (A/L 128/1994) u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal sentejn, wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat ukoll il-konfiska tal-vetturi esebiti bhala Dok. NC1 (numru ta' registrazzjoni D-7103) u Dok. NC2 (numru ta' registrazzjoni J-6914).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, w minflok tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati w tibdilha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija w piena u, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, tibdel il-piena nflitta ghal wahda li aktar taghmel ghall-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti accettat li dak li kellu l-appellant ma kienux vetturi bil-mutur. Minn dan johorgu punti legali . L-ewwel li allura ma japplikax il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrestringi ruhu**

**ghall-vetturi bil-mutur. Jekk il-vettura ma timxiex mekkanikament u bil-mutur taghha, allura ma jistax jinghid li hija vettura bil-mutur. 2. Skond l-ADT u l-ligi applikabbli, l-persuna responsabbli minn vettura bil-mutur registrata hija fuq min tkun registrata. Jekk xi hadd ghamel reat, dan kellu jirrispondi ghalieh ir-*Registered Owner* tal-vettura registrata u mhux min xtraha bhala *scrap.* Wara li vettura bil-mutur tigi *scrapped*, minn hemm il-quddiem ma jkun hemm l-ebda divjet li l-istess karkassa tigi kannibalizzata. Jekk naqas li jiddikjara li kien hemm *scrapping*, ir-responsabbilta' kienet fuq is-sid registrat. 3. Dwar id-definizzjoni ta' dokument, huwa minnu li l-art. 189 isemmi kull dokument iehor li mhux imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, imma dokument ghandu validita' sakemm jintuza ghal skop ta' xi prova tkun li tkun u sakemm *"fidem facit"* u meta l-utilita' probatorja tispicca, dan ma jibqax document. F' dan il-kaz in-numru tac-chassis ma kien qed jipprova xejn u ma kien qed jiddokumenta xejn . 4. il-*mens rea* hi mehtiega biex tinstab htija skond l-art. 189. L-Ewwel Qorti accettat li kien hemm nuqqas ta' xjenza da parti tal-appellant li l-vettura ma kienetx *scrap* u kkonsidrat dan , skond hi , ghall-fini tal-piena. F' dan il-kaz pero' ma hemmx ligi li tghid li meta tigi *scrapped* vettura, c-*chassis number* taghha ghandu jinqala' u jinghata lill-Awtorita'. Jekk l-appellant ma kellux *"guilty knowledge*", allura mhux temperament fil-piena kellu jkun hemm, imma liberazzjoni. 5. L-akkuzi taht il-Kap. 65 huma preskritti bejn id-data meta saret l-investigazzjoni w d-data meta l-appellant gie mressaq il-Qorti b' arrest. 6. Dwar il-piena, skond l-artikolu 189 din hija ta' sitt xhur prigunerija w l-piena ghar-reati skond il-Kap.65 huma pieni pekunjarji. Ghalhekk il-piena applikata, anki jekk sospiza, tmur kontra l-ligi. Anki l-konfiska ta' oggett li mhux vettura bil-mutur mhux applikabbli.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-nota ta’sottomissjonijiet tal-appellant tal-24 ta’ Jannar, 2006 bil-kopja tar-Regolamenti kif allura vigenti fiz-zmien tal-allegati reati, bil-visto tal-Avukat Generali, .**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-26 ta’ Jannar, 2006, li biha ukoll giet esebita kopja tal-istess regolamenti tal-1994 li gew revokati bl-Avviz Legali 476/2004.52 , pero’ li fiha ma saret ebda sottomissjoni ulterjuri.**

**Ikkonsidrat;**

**Li meta l-Qorti ezaminat in-Noti rispettivi tal-partijiet, innotat li huma t-tnejn ghamlu riferenza biss ghar-Regolament 26 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, kif kien qabel ma gie revokat bl-Avviz Legali 476/2004, imma dar-regolament ovvjament mhux dak li tahtu nstabet htija tat-tielet imputazzjoni.**

**Di fatti skond is-sentenza appellata l-akkuzi li l-appellant instab hati taghhom mill-Ewwel Qorti gew indikati li jaqghu taht l-art. 189 tal-Kodici Kriminali li jirrigwarda r-reat ta’ falsifikazzjoni u/jew uzu ta’ dokument falsifikat u taht l-artikolu 18 tal-Kapitolu 165 tal-Ligijiet ta’ Malta (A/L 128/1994) (Sic!).**

**Illi pero’ wiehed mill-ewwel josserva li l-Artikolu 18 tal-Kap.65 kif allura vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tal-allegati reati, ma johloq ebda reat per se imma huwa biss artikolu li jispecifika il-pieni minimi, periodi ta’ sospensjoni tal-licenzji w prezunzjonijiet ta’ htija ta’ sidien ta’ vetturi, motor buses, eccetera, fil-kaz ta’ ksur ta’ regolamenti differenti w f’cirkostanzi partikolari. Ghalhekk ic-citazzjoni ta’ dan l-artikolu wahdu minghajr ma ssir referenza ukoll ghar-regolament li jkun jikkontempla r-reat zgur li ma jissodisfax il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kap. 9.**

Illi kif inhu llum u wara li emendi li saru bl-Att XXIII tal-2000, ukoll hu ovvju li dan l-artikolu 18 ma japplikax ghall xi wiehed mir-reati li bih l-appellant gie akkuzat u instab hati.

Ghalhekk hu ovvju li dan l-artikolu gie citat hazin mill-Ewwel Qorti, jekk kien qed jigi citat bhala l-artikolu li jikkontempla r-reat.

**Illi inoltre, ghalkemm fid-*decide* tas-sentenza appellata hemm riferenza fil-*"brackets*" ghall-AL 128/1994, li jinkorpora fih "Ir-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur", dawn ir-regolamenti jikkonsistu f' mhux inqas minn 271 regolament u skeda w fid-*decide* tas-sentenza appellata ma hemm ebda riferenza ghal xi regolament specifiku jew regolamenti specifici li l-appellant instab hati tal-ksur tieghu jew taghhom.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, <u>ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati</u>, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>. (sottolinear tal-Qorti).**

**F'dal-kaz l-Ewwel Qorti ma semmietx espressament il-fatti li taghhom l-appellant instab hati. Qalet biss - b' certa kontradizzjoni ma paragrafu precedenti fejn kienet qalet testwalment : *"Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li r-reati kkontemplati taht l-artikoli 308,309 u l-aggravanti taht l-artikolu 310 ma jirrizultawx."* - *"…li qed issib lil Mark Attard hati ta' l-akkuzi , hati tar-reati taht l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta (A/L 128/1994…)"***

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti kemm in-nuqqas li jissemmew il-fatti li taghhom tkun instabet htija kif ukoll in-nuqqas li jigi citat l-artikolu li**

**jkun jikkontempla r-reat jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Dan in-nuqqas ravvizat mill-Qorti fis-sentenza appellata certament jirrendiha nulla ghaliex, apparti li ma semmietx il-fatti li taghhom l-appelant gie misjub hati, fil-kaz tat-tielet imputazzjoni, li jidher li tista' taqa' taht il-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta w/jew r-regolamenti li saru tahtu, ma gie citat ebda artikolu rilevanti fil-ligi principali u/jew xi regolament rilevanti mill-271 regolament komprizi fl-Avviz Legali 128/1994 citat mill-Ewwel Qorti.**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**" [3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma jkun hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**" [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma**

**giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------